5 ta' Frar, 1952.

Imħallef:

**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Giorgio Borg ne. *versus* Onor. Walter Salomone ne.

**"Trade Mark" — Reġistrazzjoni — Oppożizzjoni — Terminu — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 91 (2) u (3) tal-Kap. 48.**

*Il-liġi dwar il-marki ta' fabbrika ma tipprefiġġi ebda terminu biex min jagħmel oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' markju ta' ħadd ieħor jiddeduċi l-azzjoni li l-liġi timponi biex tiġi sostnuta dik l-oppożizzjoni.*

*Imma lanqas hu sewwa li min japplika għar-reġistrazzjoni jogħod jistenna indefinitament dik id-deduzzjoni.*

*Għaldaqstant, jekk l-opponent jiddeduċi l-azzjoni fi żmien twil iżżejjed wara li jkun irċieva l-"counter-statement" tal-parti avversarja, ikun hemm lok għal moderazzjoni fil-kap ta' l-ispejjeż, avvolja l-azzjoni tiegħu għall-oppożizzjoni tar-reġistrazzjoni tat-Trade Mark l-ieħor tirnexxi.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine ppremetta li hu talab, fl-4 ta' Novembru 1950, lill-Kontrollur tal-Proprjetà Industrjali, ir-reġistrazzjoni tal-marka ("Trade Mark") konsistenti f'ras ta' bull-dog bejn il-kelmiet "Bull-dog Brand", biex tiġi poġġuta u applikata fuq il-fliexken tax-xorb spirituż anisette, whisky, liquers, rum, gin, brandy, port u sherry, u ta' xiroppi u spremuti (squashes) mhux alkooliċi prodotti minnu, u ħallas id-drittijiet ta' l-applikazzjoni, tar-reġistrazzjoni u tal-pubblikazzjoni ta' dik id-domanda (dok. A u B); illi wara dik il-publikazzjoni fil-Malta Government Gazette numru 9978 ta' l-14 ta' Novembru 1950, u 9979 tas-17 ta' Novembru 1950, il-konvenut nomine għamel lill-Kontrollur fuq imsemmi att ta' oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' dik it-Trade Mark" (dok. C); li hu għamel il-kontro-dikjarazzjoni in kontro-oppożizzjoni tiegħu, opportuna għat-termini ta' l-art. 91 (2) tal-Kapitolu 48 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta (dok. D); u li l-konvenut ma għamelx iċ-ċitazzjoni biex jitlob li tiġi respinta d-domanda ta' l-attur skond l-art. 91 (3) fuq imsemmi; u li l-Kontrollur, b'ittra tad-29 ta' Marzu 1951, infurmah li d-domanda tiegħu ma tistax tiġi milqugħa sakemm l-oppożizzjoni tal-konvenut

ma tiġix ritirata jew respinta mill-Qorti kompetenti (dok. F); u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet opportuni u li jingħataw il-provvedimenti neċessarji, (1) lill-konvenut jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti terminu qasir u perentorju biex jagħmel iċ-ċitazzjoni neċessarja biex tiġi respinta d-domanda ta' l-attur għar-reġistrazzjoni tat-Trade Mark fuq indikata; (2) fil-każ li jgħaddi inutilment it-terminu li jiġi lilu prefiss, jiġi impost lilu s-silenzju perpetwu, u jiġi dikjarat li huwa rtira l-oppożizzjoni tiegħu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut interpellat għas-subizzjoni;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Din il-kawża ġiet trattata kontestwalment ma' l-oħra fl-ismijiet invertiti (fol. 15);

Peress li bid-deduzzjoni ta' l-istanza fil-kawża l-oħra l-meritu ta' din ġie eżawrit, għalhekk l-attur nomine ċeda l-meritu b'riżerva tal-kap ta' l-ispejjeż;

Fuq dan il-kap il-Qorti għamlet dawn ir-riflessjonijiet. Il-fatt li l-attur issokkomba fil-kawża l-oħra, fejn hu konvenut, jinfluwixxi fuq il-konsiderazzjoni ta' dan il-kap, imma mhux tali li bilfors jixħet l-oneri kollu fuq l-attur. Il-liġi dwar il-markji ma tipprefiġġi ebda terminu biex min għamel l-oppożizzjoni jiddeduċi l-azzjoni li l-liġi timponi (art. 91 (3) Kap. 48 Ediz. Riv.). Fl-istess ħin lanqas hu sewwa li l-applikant jistenna indefinitament. In-nuqqas ta' terminu fil-liġi hu ovvjament "casus omissus". "Ad ogni modo", il-konvenut f'din il-kawża ma kienx marbut b'terminu biex jiddeduċi. L-oppożizzjoni l-konvenut għamilha fit-12 ta' Jannar 1951 (ara dok. fol. 11 tal-proċess l-ieħor). Però hu ma setax jiddeduċi qabel ma jirċievi "notice" tal-"counter-statement" tal-parti l-oħra; għax jekk din ma tagħmelx "counter-statement", allura titqies li abbandunat ir-reġistrazzjoni (art. 91 (2) ibidem). Dan il-"counter-statement" il-konvenut irċevih fil-15 ta' Frar 1951 (fol. 12 tal-proċess l-ieħor), u minn dik id-data l-konvenut nomine seta' jaġixxi. Hu aġixxa fl-24 ta' Ottubru 1951 — tmien xhur wara — żmien iżżejjed twil, anki jekk wara l-15 ta' Frar 1951 il-konvenut ried jikkomunika mal-kostitwenti tiegħu barra minn Malta. L-attur għalhekk stenna żmien raġjonevoli; iżda fl-istess ħin l-attur seta'

almenu għamel itt a uffiċjali interpellatorja qabel ma istitwix-xa din il-kawża;

Meta għalhekk il-ġudikant iqis dawn l-elementi kollha, x'uħud favur, x'uħud kontra, jidher ġust ir-regolament ta' l-ispejjeż hawn taħt miġjub;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tastjeni mill-meritu, ċedut (fol. 15), u tordna li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru u kariku ta' l-attur nomine.